**Qorti tal-Appell Kriminali**

**GĦAWDEX**

**Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 27 / 2021 / 1**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Clifton Mifsud**

**Illum 25 ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Clifton Mifsud ta' 45 sena bin Roque u Natalie xebba Gauci imwieled l-Imtarfa, nhar l-20 ta' Diċembru 1975 u residenti Gnejna Court Flat 1, Triq Ewropa, Rabat, Għawdex bil-karta ta' l-identita' numru 2476M li permezz tagħhom ġie akkuzat talli f' dawn il-gzejjer nhar it-18 ta' Lulju 2021, għal habta tal-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar fi Ġnejna Court, Triq l-Ewropa, Rabat, Għawdex :

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja ta' haddiehor f' periklu car, permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jonathan Carabott u dan skont kif iccertifiak Dr Darren Galea Meilak MD numru ta' registrazzjoni mediku 4587 mill-isptar Generali ta' Ghawdex.
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm fil-pussess tieghu, garr il barra minn xi fond jew d' intorni tieghu, sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta hija, minghajr il-licenzja jew permess tal-kummissarju tal-pulizija.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr ma dorob jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra n-nies;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostnzi ingurja jew hedded lil Jonathan Carabott, b' ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra f' dan il-kodici, anke jekk kien ipprovokat, ingurja b' mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-qorti giet gentilment mitluba li f' kaz ta' htija bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza u cioe' ta' Jonathan Carabott jew ghaz-zamma tal-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b' obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus u dan ai termini tal-artikolu 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra Clifton Mifsud a beneficcju ta' Jonathan Carabott.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija barra li tinfliggi l-pieni stabbilit mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-21 ta' Novembru, 2023, fejn iddikjarat li:-

*"ma sabitx lil Clifton Mifsud ħati tat-tieni imputazzjoni izda sabet lil Clifton Mifsud ħati ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi piena karċerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi ai termini ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-Ħati Clifton Mifsud taħt Ordni ta' Probation għal perijodu ta' tlitt (3) snin mill-lum, liema Ordni huwa soġġett għall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza".*

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-ħati Clifton Mifsud bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' Probation u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' dik is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-Ordni ta' Probation, jista' jingħata sentenza ghar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Probation moghti b'Digriet tal-istess jum. Kellhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

Inoltre, il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 382 A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta harget Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-istess ħati a favur tal-vittma Jonathan Carabott, liema Ordni ta' Trazzin hija soġġetta għal varji kondizzjonijiet ilkoll kontenuti fl-istess Ordni u liema Ordni nharget  għal zmien tliet snin. Din l-Ordni ghandha tifforma parti integrali minn dik is-sentenza.

Inoltre, rat ukoll li fiċ-ċirkostanzi tal-każ huwa indikat li l-ħati jitqiegħed taħt Ordni ta' Trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, stante li l-Qorti qieset li huwa meħtieġ li l-ħati jiġi megħjun jegħleb diffikultajiet li jidher li hu affetwat minnhom, u ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, poggiet lill-ħati  taħt Ordni ta' Trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir din l-Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza skont id-digriet li gie anness ma dik is-sentenza u li tifforma parti integrali minnha.

L-ewwel Qorti fehmet bi kliem ċar u li jinftiehem il-portata ta' dik l-Ordni u l-konsegwenzi li l-ħati jkollu jaffaċċja fil-każ li huwa jonqos milli jwettaq din l-Ordni skont kif ordnat lilu.

Inoltre, b'applikazzjoni tal-Artikolu 23(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Ordnat l-konfiska tal-*corpus delicti* u ċioè tas-sikkina li ntużat f' dan l-inċident.

Rat ir-rikors tal-appell ta' **Clifton Mifsud** preżentat fis-6 ta' Dicembru 2023.

L-imputat appellant hassu aggravat mid-decizjoni tal-21 ta' Novembru, 2023 u interpona umli appell ghas-segwenti ragunijiet:

**L-ewwel Aggravju**

5. Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkosisti fil-fatt illi ghalkemm l-ewwel Qorti tammetti li fil-fatt hemm konflingenza bejn ix-xhieda tal-*parte civile* u x-xhieda tal-prosekuzzjoni minkejja dan kollu kkonkludiet li l-verzjonijiet taghhom kienu aktar attendibbli mill-verzjoni kostanti tal-imputat. Kif dejjem gie ritenut l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi sakemm il-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti ma tkunx tidher li hija legalment jew logikament zbaljata w sakemm ma tkunx tidher li hija wahda "*unsafe and unsatisfactory*". Illi ghalhekk meta appell fil-Qorti Kriminali jkun ibbazzat fuq l-apprezzament zbaljat tal-Ewwel Qorti allura Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragonevoli fil-konkluzzjoni taghha." (ara :App. Krim. "l**-Pulizija vs. Raymond Psaila et**." [12.5.1994] , "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [10.5.2002] u ohrajn.) [Qorti tal- Appell Kriminali Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D Appell Nru. 546/2017 ,**Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs April Farrugia,** Seduta tat-28 ta' Frar, 2018]

6. Fil-kawza fl-ismijiet, **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju, 2003, jigi ritenut illi: "*mhux kull kunflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enunjcjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*".

7. Illi hekk kif ennuncjat fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet: "**<u>Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt</u>**", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi:-

> *"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak lapprezzament.".*

8. Illi ghalhekk l-icken dubbju favur l-imputat ghandu dejjem jigi kkunsidrat.

9. Fil-kaz in ezami, apparti illi ghandna xhieda kunflingenti bejn il-*parte civile* u l-imputat, ghandha diverzi verzjonijiet, liema verzjonijiet huma wkoll kunflingenti, bejn ix-xhieda mharrka mill-parte civile stess u cioè l-vittma u l-mara tieghu illi t-tnejn kienu prezenti fl-allegat incident.

10. Skont ix-xhieda tal-*parte civile* Jonathan Carabott huwa stqarr li huwa jgħix fi Ġnejna Court, Triq l-Ewropa, Rabat Għawdex u li dan l-inċident ġara f' din il-binja fit-18 ta' Lulju 2021. Spjega li hu u l-familja tiegħu kienu ghadhom kemm jaslu d-dar u x'hin waslu fil-livell tal-appartament tagħhom, innota li kien hemm għadira urina. Spjega li l-imputat kien ġab annimal hemmhekk. Qal li martu marret tħabbat fuq il-bieb tal-imputat u huwa nizel warajha izda waqaf fit-taraġ. Spjega li martu kellha tħabbat fuq il-bieb bis-saħħa għaliex l-imputat kellu l-volum tal-muzika għoli. Spjega li l-imputat fetaħ il-bieb b'sikkina f'idejh u huwa għalhekk mar fejn martu biex jiġbidha 'l barra peress li din kienet fuq l-għatba tal-bieb. Spjega li dan l-imputat qabad jgħajru u jgħolli leħnu.

11. Michelle Portelli,martu mbaghad xehdet li fit-18 ta' Lulju 2021 għall-habta tal-4.15pm hija kienet ġol-Ġnejna Court Triq l-Ewropa, Rabat, Għawdex. Qal li wara l-bieb tal-appartament tagħhom sabu l-urina u hija qalet lil zewgha li kienet niezla tkellem lill-imputat. Spjegat li zewġha niezel magħha u hija ħabtet il-bieb. Spjegat li kellha tħabbat bis-saħħa għaliex l-imputat kellu l-volum tal-muzika għolja.

12. Illi fix-xhieda taghhom, il-*parte civile* jkomplu jixhdu illi l-ewwel qed jghidu illi l-imputat kellu sikkina f'idu, imbaghad qalu illi kien hemm hafna kliem bejniethom u skont l-allegat vittma, dak il-hin l-imputat, xejjer is-sikkina b'idu u laqat lil Carabott gewwa zaqqu u martu Michelle kienet pronta biex timbotta lil Carabott lura u lil Mifsud gewwa d-dar tieghu jigifieri qisha firdithom! Imbaghad hargu b'verzjoni gdida, illi l-allegat vittma qal u ammetta illi huwa rrabja ghaliex ra l-awrina quddiem l-appartament tieghu, però din id-darba jghid; "*Nizlet il-mara*". Hu jghid li hu qaghad fuq! Mela qed jghid li nizlet il-mara u meta l-imputat fetah il-bieb u ra li l-imputat ghandu sikkina f'idu, dan ir-ragel minn fuq nizel isfel biex jipprotegi l-mara. Verzjoni ohra, totalment differenti minn dik ta' qabilha!

13. Sussegwentement imbaghad taht gurament xehdu li l-allegat vittma ngibed lura, illi baxxa rasu u dar lura u dan l-imputat qabbdu u tah bis-sikkina fejn finalment din kienet girfa superficjali b'sikkina fuq zaqqu mhux dahru!

14. Illi jekk wiehed jkollu jezamina bir-reqqa nsibu diversi punti konflingenti, punti li huma krucjali ghal din it-tip ta' procedura. Jekk wiehed jifli x-xhieda ta' Jonathan Carabott u Michelle Portelli, ix-xhieda tal-Pulizija illi rrakkonta x'intqal lilu a tempo vergine kif ipparagunat max-xhieda ta' Clifton Mifsud wiehed facilment jasal ghall-konkluzjoni li Jonathan Carabott u Michelle Portelli la jaqblu mal-verzjonijiet diversi moghtija minnhom u lanqas jaqblu ma jaqblu ma xulxin.

15. Jekk wiehed jezamina dak li qal is-Surgent, huwa jirrakkonta kif l-allegati vittmi qalulu illi meta dahlu meta dahlu fil-blokka tal-flat huma raw l-awrina ta'

annimali fuq it-tapit quddiem l-appartament taghhom u dehrilhom li dan ghamlu l-annimal ta' Clifton Mifsud u sabiex jikkonfrontawh, huwa marru jhabbtulu l-bieb, dak x'intqal u x'gara a tempo vergine.

16. Illi minn imkien ma rrizulta li l-imputat fil-fatt kellu ebda annimal, lanqas irrizulta minn imkien li kien hemm xi hmieg tal-annimali, lanqas irrizulta li kien hemm xi muzika ddoqq u tohloq storbju. Sussegwenment u partikolarment fir-rigward tad-dinamika tal-accident assolutament ma hemmx qbil.

17. Illi l-gurisprudenza tghallimna illi il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbiltajiet.

18. Fil-każ Ingliż **Majid**,4 Lord Moses stqarr hekk:

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty. Inoltre, fil-ktieb tagħhom The Modern Law on Evidence, Adrian Keane u Paul McKeown5 jgħidu s-segwenti : In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is 4 ibid. 5 Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108. guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja ntlaħaqx din il-Qorti trid, *inter alia*, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is- sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali.

19. Illi wara li wiehed jezamina x-xhieda pprovduta, kif jista' wiehed jasal ghall-konkluzjoni, lil hinn minn kull dubbju dettatta mir-raguni illi l-akkadut li sehh kien kif spjegat mill-allegat vittmi? U din id-decizjoni kienet ibbazzata fuq liema verzjoni?

20. Illi filwaqt li l-qrati taghna jiddiskutu ben tajjeb l-procedura fil-kamp kriminali u fi studju pprofondit jghidu illi ma jfissirx illi l-icken dubbju jwassal ghal-liberatorja. Hekk kif spjegat fil-kawza, **<u>Il-Pulizija (Spettur Kylie Borg) vs Ryan Debattista</u>**, 7 ta' Ottubru 2021,

> *"Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronuncjamenti precedenti, sabiex imputat jigi ddikjarat hati, limputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti taghmilha car li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir-raguni".*

F' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Peter Ebejer</u>**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-

Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz <u>Miller vs. Minister of Pension</u> - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*

21. Illi huwa tajjeb li wiehed jinnota li fil-kaz odjern ghandna sitwazzjoni fejn id-dubbju huwa ragonevoli, illi fl-ebda istanza l-imputat ma ammetta li huwa ta daqqa ta' sikkina lill-allegat vittma. Kien propju l-allegat vittma illi mar jiehu s-sodisfazzjon fil-konfront tal-appellant, meta dan sahanistra invadieh waqt li huwa kien gewwa l-propjetà tieghu. Illi kienet koncidenza illi l-appellant kellu sikkina f'idejh u hekk kif spjega ben tajjeb l-imputat, kien propju l-kwerelant li beda jaghti lill-imputat, biex wassal imbaghad l-vittma b'girfa fuq zaqqu — griehi tant hfief illi li kieku l-incident gara kif spjegaw l-allegat vittma Jonathan Carabott u martu fid-diversi xhieda u diversi verzjonijiet li taw, kieku zgur li l-griehi li kien igarrab l-allegat vittma ma kienux ikunu ta' natura hafifa.

**Konkluzjoni**

22. Illi meta wiehed iwiezen bir-reqqa l-provi li gew pprovduti mill-prosekuzzjoni u l-parte civile, wiehed facilment jista' jasal ghall-konkluzjoni illi l-Qorti tal-ewwel istanza ma setghet qatt tasal ghal tali konkluzjoni stante illi d-dubbju huwa wiehed ovvju, veru, ibbażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imressqin mill-prosekuzzjoni u mid-difiża li kellu jwassal sabiex dak il-

livell ta' prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat kellu jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati l-appellant talab lil din Onorabbli Qorti tvarja is-sentenza moghtija nhar il-21 ta' Novembru 2023, u filwaqt li tikkonferma il-parti tas-sentenza in kwantu l-ewwel Qorti Onorabbli ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni tirrevoka mill-bqija u minflok tillibera lill-imputat Clifton Mifsud ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija mill-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjoni kontrih u konsegwentement tirrevoka kwalunkwe ordni ta' trazzin u trattament mahruga fil-konfront tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat ix-xhieda prodotta kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll ix-xhieda moghtija mill-appellant minn jeddu u b'mod volontarju nhar id-19 ta' Awwissu, 2022.

Rat illi minkejja l-ewwel qorti kienet innominat lill-psikjatra Dr Anton Grech sabiex jeżamina l-istat mentali tal-appellant u dan b'digriet taghha tad-19 ta Settembru 2022 izda ciononnostante fl-atti ma hemm l-ebda xhieda ta' dan l-espert minekjja li l-inkarigu tieghu qatt ma gie revokat.

Semghet lill-avukati difensuri jittrattaw quddiemha fis-seduta ta' nhar il-21 ta' Frar, 2024 meta din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi in linea generali l-appellant qed isostni li l-ewwel qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti u dan ghaliex fil-fehma tieghu minkejja li l-*parte civile* ma qabilx mat-tezi tal-prosekuzzjoni u filwaqt li fil-fehma taghha l-appellant kien konsistenti fix-xhieda tieghu, l-ewwel qorti ghogobha temmen il-verżjoni tal-*parte civile* a skapitu li temmen

lill-appellant. Fil-fatt issostni li minhabba x-xhieda konflingnti hija ghandha tillibera lill-appellant.

Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Issa kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Vincent Calleja</u>** deċiża nhar is-7 ta' Marzu, 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kinitx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib</u>**, 15 ta' Jannar, 2009; **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili</u>**, 19 ta' Gunju, 2008; **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter</u>**, 14 ta' Dicembru 2004 **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa</u>**, 16 ta' Ottubru, 2003; **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina</u>** 24 ta' April, 2003, **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak</u>** 23 ta' Jannar 2003, **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed</u>**, 5 ta' Lulju, 2002; **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino</u>**, 7 ta' Marzu, 2000, **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt</u>**, 1 ta' Dicembru 1994; u **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi</u>**, 14 ta' Frar, 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **<u>Il-Pulizija v. Andrew George Stone</u>**, 12 ta' Mejju, 2004, **<u>Il-Pulizija v. Anthony Bartolo</u>**, 6 ta' Mejju 2004; **<u>Il-Pulizija v. Maurice Saliba</u>**, 30 ta' April, 2004; **<u>Il-Pulizija v. Saviour Cutajar</u>**, 30 ta' Marzu 2004; **<u>Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et</u>**, 21 ta' Ottubru, 1996; **<u>Il-Pulizija v. Raymond Psaila et</u>**, 12 ta' Mejju, 1994; **<u>Il-Pulizija v. Simon Paris</u>**, 15 ta' Lulju, 1996; **<u>Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace</u>**, 31 ta' Mejju, 1991; **<u>Il-Pulizija v. Anthony Zammit</u>**, 31 ta' Mejju, 1991. Il-Pulizija vs Elton Briffa deciza fid-19 ta Gunju, 2019. Appell Kriminali Inferjuri .

deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti — anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għall-konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

Inoltre jinghad li l-Qorti tal-Maġistrati kellha l-opportunità, a differenza ta' din il-Qorti, illi tara u tisma' lill-*parte civile* u lill-appellant jixhdu quddiemha. B'hekk kienet f'pożizzjoni ferm aħjar minn din il-Qorti biex tapprezza dik ix-xiehda u tgħarbilha mil-lenti tal-kriterja tal-kredibbilità tax-xiehda msemmija fil-Liġi Maltija. Dik il-Qorti setgħet tanalizza mhux biss il-verżjonijiet rilaxxati minnhom iżda anki l-komportament tagħhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kineitx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Din il-Qorti ghalhekk kellha tifli u teżamina l-provi prodotti u dan biex tara jekk l-ewwel qorti setghetx tasal ghal gudizzju taghha b'mod li hu '*safe and satisfactory*'.

Ikkunsidrat ulterjorment

Rat ix-xhieda moghtija mill-**Ispettur Josef Gauci** moghtija nhar it-22 ta' Lulju, 2021 fejn spjega li nhar it-18 ta' Lulju 2021 wara il-5.00 p.m kien gie infurmat minn PS 428 Debattisa li kien ghadu kif inqala' argument fejn kienet involuta sikkina bejn certu

Clifton Mifsud u Jonathan Carabot fi blokka ta' flettijiet Gnejna Court, Triq l-Ewropa, ir-Rabat, Ghawdex. Irrizulta li Jonathan Carabott eventwalment kellu griehi ta' natura hafifa kif iccertifika Dr. Darren Galea Meilak liema certifikat imbaghad gie mghoddi lilu u gie esibit f'dawn l-atti minn PS 428. Infurmah li kien ġia arresta lil Clifton Mifsud u huwa ordna sabiex jibqa' *arrest* il-*lock up* u giet infurmata il-Magistrat tal-ghassa Dr. Brigitte Sultana sabiex jinzamm arrestat ghal iktar minn sitt sighat. Kien ta' struzzjonijiet lis-surgent PS 15 Lucian Gatt sabiex ikellem lil Clifton Mifsud però wara infurmah li ghazel id-dritt tas-silenzju u ma stqarr xejn.

Irrizultalu li dawn iz-zewg min nies jghixu fl-istess blokka. Wiehed Flat 1 u l-iehor Flat 4 fuq xulxin. Sussegwentement kien ressaq lill-akkuzat li gharaf prezenti fl-awla bhala Clifton Mifsud.

Rat ix-xhieda ta' **PS 428 Carmelo Debattista** moghtija nhar it-22 ta' Lulju, 2021 u spjega li fit-18 ta' Lulju, 2021 ghall-habta tal-4.24 p.m. kien ircieva telefonata l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat li kien hemm argument gewwa appartament fi Triq l-Ewropa, ir-Rabat bl-isem Gnejna Court. Huwa mar fuq il-post ma kuntistabbli iehor. Hemmhekk sab ambulanza li kienet qed tipprepara li tiehu lil Jonathan Carabott l-isptar minhabba li kien gie ferut f'incident. Fuq il-post tkellem ma' Michelle Portelli l-*partner* ta' Carabott. Din qaltlu li kienet ghadha kemm waslet id-dar ma' Jonathan u nnutaw li kien hemm xi awrina tal-annimali fuq it-tapit taghhom u ghalhekk nizlu biex ihabtu lill-garr taghhom Clifton Mifsud l-imputat prezeti fl-awla. Dan Mifsud kellu l-muzika mixghula gholja u ghalhekk habtu bis-salt fuq il-bieb biex jismaghhom. Qaltlu li Mifsud fetah il-bieb u f'idu kellu sikkina x'aktarx b'xafra sewda u Carabot qal lil Mifsud minhabba l-awrina li kien sab u Mifsud wiegbu li ma irabbix annimali u Carabot wiegbu '*rabbi li trid pero jekk thammeg trid tnaddaf*'. Dak il-hin Carabot qal lil Mifsud sabiex ma jkellimx u ma jagħmilx kuntatt ma' wliedu ghax f'xi incidenti precedenti kien segwa anke lit-tfal tieghu. Mifsud offendieh bil-kliem '*f…kemm ghandu*'. Dak il-hin Mifsud xejjer sikkina li kellu f'idu u laqat lil Carabot gewwa zaqqu. Jghid li Michelle qaltlu li kienet pronta u imbuttat lil Carabott lura u lil Mifsud 'l

gewwa d-dar tieghu. Huwa pprezenta l-okkorenza li giet markata bhala dok CDB1[2]. Ipprezenta ukoll tlett iskiken li gew elevati mill-pulizija tal-forensika wara li gew iffotografati fuq il-post. Però huwa ma kienx prezenti waqt li gew fotografati. Wahda kellha l-manku iswed u t-tnejn l-ohra kellhom il-manku blu.

Mal-art kien hemm taqtir ta' demm u anke xi taqtir gewwa fil-*common parts*. Dawn gew markti bhala dok CDB2[3]. Dak il-hin l-akkuzat gie arrestat u eskortat mill-pulizija tal-mobile l-garaxx. Is-sur Carabott gie mehud bl-ambulanza l-isptar.

Mistoqsi min kien cempel l-ghassa jghid li t-telefonata haditha l-*orderly* però jaf li kienet mara ghax sema' lehen femminili u bdiet twerzaq u tghajjat kemm tiflah. Però min hi ma jafx. Mistoqsija jekk is-sitwazzjoni kinitx giet rekordjata bil-*body cameras* ta' fuqhom jghid li le u dan ghaliex huwa jixghelha meta jhoss li jkun hemm bzonn. La ma kienx hemm incidenti mal-pulizija ma hassx li kien necessarju li jixghelha. Mistoqsi jekk rax xi klieb fl-ewwel zewg kmamar tal-appartament ta' Mifsud jghid li ma rax, izda tfittxija ghall-klieb m'ghamilx. Mistoqsi jekk rawx li Carabot kien xurban jghid li hu ma rahomx fis-sakra u lanqas ma ra li lsienhom wehlilhom.

**Jonathan Carabott** xehed nhar it-22 ta' Lulju, 2021 u spjega li nhar il-Hadd 18 ta' Lulju, 2021 waqt li kien diehel id-dar fi Gnejna Court, Triq l-Ewropa, ir-Rabat sab ghadira awrina u ibnu zelaq fuqha. Qal li kien ilu sejjer biha xi hmistax kemm ilu li dahhal l-annomali d-dar Clifton. Qal li nizlet martu thabbatlu huwa kien niezel ukoll izda waqaf mat-tarag ghax hu dejjem wera li jaghmel arja ma martu mhux ma ragel u xhin habbatlu jaf li kellu l-muzika gholja gewwa u ghalhekk habbat aktar bis-sahha. Fetah mill-bieb u minn got-tarab ra li f'idejh kellu sikkina f'idejh. Ghalhekk meta ra hekk mar jigbed il-mara Michelle Portelli 'l barra waqt li kienet fuq l-ghatba tal-bieb. Minn hemmhekk qabad jghajru u jgholli lehnu. Wiegbu u qallu, *"Jien billi tghajjat m'intix ha twerwirni." Qallu li mill-ghajjat ma jtiwerwirx izda' minn tid tibza'* b'referenza ghas-sikkina. Dak il-hin meta ra s-sikkina ngibed lura. Dan kien ghall-habta tal-4.15

[2] Fol. 31 tal-atti
[3] Fol. 34 tal-atti

p.m/4.20p.m ta' waranofsinhar u nbeda jgib kull skuza. Qallu li jinteressah li ma jkunx hemm awrina fil-komun u qallu li l-kelb huwa ta' habib tieghu u li kien gabu ghal jumejn. Qallu biex inaddaf barra kif inaddaf gewwa daru. Dak il-hin qabad jghajjat u joffendih b'o… kemm ghandu u b'b…ommu. Jgħid li hassha ghax ommu mejta u qabad l-mara u dar biex jitla' fuq u l-akkuzat waqqfu, gibdu minn spaltu u xejjirlu sikkina u tah go zaqqu fuq iz-zokra. Qal kompla tiela' t-tarag storda zamm mal-hgieg u kisru b'idu u jaf li spicca l-isptar.

Muri d-dokument CDB 2 ighid li s-sikkina li kellu l-akkuzat hija dik bil-manku blu, l-iqsar wahda mit-tleita.

**Michelle Portelli** xehdet nhar it-22 ta' Lulju, 2021 u kkonfermat li nhar il-Hadd 18 ta' Lulju, 2021 ghall-habta tal-4.15 p.m waqt li kienet fi Gnejna Court, Triq l-Ewropa, ir-Rabat. Maghha f'dan il-post jghix r-ragel u t-tlett itfal taghhom. Tghid li wara l-bieb sabu l-awrina ta' kelb jew ta' bniedem imma tahseb li kien ta' kelb. U binha zelaq go fih. Qalet li kellha tinzel tghid lil ta' tahtha li mhux sew li jhammeg u jkollu jnaddaf haddiehor. Nizlet u zewgha nizel maghha u habtitlu u xhin habtet naqra bis-sahha l-akkuzat fetah b'sikkina f'idu u zewgha qallu *"Isma ahna gejna inkelmuk bil-kelma it-tajba'"*. Inhasdet ghaliex hadd qatt ma fethilha l-bieb b'sikkina f'idu. Qaltlu li jekk kellu kelb seta' jzommu minkejja li mhux suppost fil-blokka izda kellu izommu gewwa daru u ma jhammigx il-komun. Dan beda jghajjat u jwerzaq u jghid li jwehhlu fih. Zewgha qallu li mill-ghajjat ma jibzax u dan wiegbu li *"mill-ghajjat ma tibza pero minn din* (b'referenza ghal sikkina) *tibza"*u capcapilu bis-sikkina. Dak il-hin imbuttat lir-ragel biex is-sikkina ma tkomplix tidhol f'gismu. Cemplet lill-pulizija li marru fuq il-post. Sadanitant dahal gewwa u sakkar lilu innifsu gewwa u baqa' jghajjar minn wara il-bieb. Jghidilhom kliem bhal '*Mur huduh f'sormkom'*, '*mentali'* u kliem simili. Dak il-hin waslset ohtha beix tiehu t-tfal li raw l-incient kollu rat id-demm mal-art. Tghid li wliedha ghadhom bi trawma sa dakinhar li xehdet. Muri s-skiken esibiti fl-atti tghid li tieghu kienet dik bil-manku blu u l-iqsar wahda.

In kontroeżami msitoqsija jekk il-komun kienx miftuh tghid li le. Mistoqsija jekk ratx klieb meta kellmet lill-appellant tghid li semghet u rat bicca mid-denb tal- kelb li kien fuq il-gallerija. Tghid li huma ma nizlux ghall-ġlieda izda biex iwissuh li jekk ghandu kelb u jagħmel l-awrina barra wara ghandu jmur imissu.Tghid li qallha li l-kelb kien heles minnu u wara qal li m'ghandux kelb. Qalet li huma fl-ebda hin ma argumentaw izda kienu qed jikkonversaw.

Rat ix-xhieda ta' **PS 715 Lucian Gatt** u qal li l-ispettur Josef Gauci kien baghtu l-isptar nhar it-18 ta' Lulju 2021 sabiex jiehu l-versjoni ta' incident li kien sehh dakinhar stess.minghand Jonathan Carabott Qal li kien tah id-drittijiet tieghu u dan tah il-verżjoni tieghu li qeda miktuba fl-okkorwrenza markata bhala dok LG1. Jghid li l-akkuzat kien ġa tkellem mal-avukat tieghu u kien tah il-parir sabiex juza d-dritt tieghu tas-silenzju. Dan Jonathan kien qallu li kien wasal id-dar u sab l-awrina quddiem id-dar tieghu. Nizel ikellem lill-akkuzat li jghix tahtu sabiex jghidlu biex jiehu hsieb il-kelb ghaliex kienu ghadhom kemm nadfu l-komun u beda jgholli lehnu u wara qabad u tah daqqa ta' sikkina go zaqqu.

**PC 268 James Farrugia** xehed nhar is-16 ta' Settembru, 2021 u jghid li nhar it-18 ta' Lulju, 2021 kien l-ghassa jahdem bhala *orderly* u dahlet telefonata lill-orderly fejn gie mgharraf li kien hemm xi argument fi Gnejna Court, Triq l-Ewropa, ir-Rabat. PS 428 Carmelo Debattista talbu biex iwaslu s'hemm. Fuq il-post kien hemm ga PC 688 Muscat u PC 896 tal-mobile squad u wara ftit nizlu lill-appellant u eskortawh lejn karozza tal-pulizija.

**PC 688 Josmar Muscat** xehed nhar is-16 ta' Settembru, 2021 u spjega li nhar it-18 ta' Lulju 2021 ghall-habta tal-4.20p.m gie mqabbad flimkien ma' PC 696 sabiex imorru jinvestigaw ir-rapport dwar agument bejn girien. Fuq il-post bilqiegħda fuq cint raw lil certu Jonathan Carabott li kellu ferita f'idu u ferita ohra f'zaqqu. Meta staqsewh x'kien gara qalilhom li l-gar tieghu Clifton Mifsud kien fetah il-bieb b'sikkina f'idu u xejjer daqqa ta' sikkina u laqtu f'zaqqu. Talbu l-assistenza tal-ambulanza biex ittih l-ghajnuna medika. Telghu fi flat 4 fejn kelmu lil Clifton Mifsud u dan qalilhom li kien

fetah il-bieb vera bis-sikkina f'idu ghaliex kien qed jiekol dak il-hin u beda argument. Qal li l-ferita li kellu Jonathan giet kagunta minn Clifton meta gibed lil Jonathan ghal go fih. Dak il-hin wasal PS 428 fejn tal-*caution* lil Clifton u dan gie arrestat u mehud il-lock up. Aktar tard regghu marru fuq il-post u assistew lil PC 1155 membru tas- SOCO biex jigbed xi ritratti tax-xena.

**PC 696 Marvic Vella** xehdet nhar is-16 ta' Settembru 2021 u kkonfermat dak li xehed PC 688 Muscat. Ziedet tghid però li Jonathan dak il-hin kien ma' Michelle Portelli. Qalet li Jonathan qalilhom li l-ferita ta' idu ghamilha ghax qata' idu bil-hgieg waqt lil-ferita ta' zaqqu saret minn Clifton b'sikkina. Cemplu ghall-ambulanza u telghu jkellmu lil Clifton. Tghid li Michelle u Jonathan qalulhom li kellhom xi jghidu ma' Clifton fuq xi hmieg tal-annimali li kien hemm fil-common parts però meta dahlu ghand Clifton tghid li ma kienx hemm sinjali li kien qed irabbi xi annimali. Staqsewh ghas-sikkina u qalilhom li ma jiftakarx u li hu kien qed jiekol u xhin habtulu Michelle u Jonathan, Clifton gibed id Jonathan u tah daqqa ta' sikkina ghal go zaqqu. Imbaghad akkompanjaw lil Clifton il-*lock up.*

**PC 1155 Nicholas Gatt** xehed nhar is-16 ta' Settembru, 2021 u qal li nhar it-18 ta' Lulju, 2021 cemplulu u qalulu li kien hemm glieda b'xi sikkina. Mar fuq il-post indikat lilu Gnejna Court, Triq l-Ewropa, ir-Rabat. Huwa gibed numru ta' ritratti u l-faxxikolu gie markat bhala dok NG1. Kien eleva ukoll tlett iskieken.

**Mirayn Carabott** xehdet nhar is-16 ta' Settembru, 2021 u qalet wara li gie spjegat lilha l-import tal-gurament li hija tghix fi flat 4, Gnejna Court, Triq l-Ewropa, ir-Rabat u qalet li nhar it-18 ta' Lulju, 2021 ghall-habta tal-4.20 p.m wara li rritornaw id-dar sabu ghadira pipi quddiem il-bieb taghhom u huwa Sven zelaq fiha. Qalet li ommha nizlet biex tkellem lil gar biex inehhi l-awrina u missierha qaghad f'nofs it-tarag. Qalet l-ewwel darba li habtet ommha hadd ma fetah imabghad habtet b'iktar sahha u fetah il-bieb u kien bis-sikkina f'idu u missierha nizel fejnu u qalu "ahna gejna biex inkelmuk bil-kelma it-tajba mhux ghal glide." Imbaghad ommha qaltlu li '*jekk irid izomm il-kelb jista izommu basta jekk jaghmel fl-art trid tnaddaf warajh ghax zelaq it-tfel fuqu.'*

Tghid li beda ihawwad fil-kliem li l-kelb kien tieghu u ma kienx tieghu fl-istess hin imbaghad beda ighajjat. Dak il-hin kienet f'nofs it-tarag tara kollox. Tikkonferma li missierha qallu '*ghajjat kemm trid ghaliex mill-ghajjat ma nibzax imma min din tibza*'. Tghid li qabad sikkina u tah (lil missierha) daqtejn. Tikkonferma li l-akkzuat huwa l-gar taghha li kien involut f'dan l-incident. Taf li laqghat lil missierha fuq iz-zokra mbaghad tghid li pprova jagħti daqqa lil ommha izda ccaqilqet u ta' daqqa ta' ponn fuq sidirha. Ommha imbutat lilu 'l gewwa u lil missierha mal-hajt. Dak il-hin sabbat il-bieb f'wicchom. Ommha bdiet tghajjat ghal mobile ghax ma kienx fuqu u meta nizlet bih semghatu jghajjar lil ommha u missierha u jghid '*hekk haqqkom. Din mhiex ser tispcca hawn il-kbir taghkom ghadu gej u kocc affarijiet hekk*.' Mistoqsija jekk il-genituri taghha f'xi hin dahlux fl-appartament ta' Clifton tghid li le fl-ebda hin.

**PC 75 Kevin Saliba** xehed nhar is-16 ta Settembru 2021 u kkonferma li Clifton Mifsud m'ghandux arma registrata fuq ismu mal-Korp tal-pulizija.

**Dr Darren Galea Meilaq** xehed nhar is-16 ta' Settembru, 2021 u muri c-certfikat mediku markat bhala dok CF4 jghid li dan huwa certifikat ta' Jonathan Carabot. Kien ezaminah nahr it-18 ta' Lulju 2021 u sab li kellu zewg griehi wahda bejn iz-zokra u s-sider però kienet superficjali ma kintix fonda u ohra fuq l-id. Ikklasifika dawn il-griehi bhala ta' natura hafifa.

**PS 664 Jason Xerri** xehed nhar is-27 ta' Lulju 2022 u spjega li nhar is-17 ta' Novembru, 2021 ghal habta tal-10.00 p.m ircieva telefonata minghand Michelle Portelli u Jonathan Carabot li gharaf prezenti fl-awla fejn qalulu li kellhom xi protection Order kontra certu Clifton Mifsud u li dakinhar kienu rawh Ghawdex ghal habta tad-9.00 p.m.. Kien kellem lil Jonathan Carabot fuq il-post u ċjoè Gnejna Court, Triq l-Ewropa, ir-Rabat. Fejn dan qallu li kien ghadu kemm dahal lura mix-xoghol u ra lil Clifton Mifsud jipprova jiftah il-bieb tal-common parts tal-flettijiet taghhom u xhin rah dan Clifton, Jonathan infixel u beda jfittex gol-letter box u ha l-posta tieghu u telaq bil-mixi lejn id-direzzjoni ta' Triq Viani, ir-Rabat, Ghawdex.

Carabott kien qallu ukoll li Mifsud kien libes jeans u kellu flokk abjad u sidrija sewda u kellu satchel wara daru. Michelle u Jonathan kienu stqarru mieghu ukoll li kien hemm xi bail conditions rigward Mifsud fejn kien jirristringu li Mifsud imur lejn Ghawdex. Ghalhekk ghamel tfittxija ghal dan l-imsemmi Clifton Mifsud kien mar ifittxu fuq il-bus stations, gol-buses u anke nizel fejn il-Gozo Channel izda dan ma kienx sabu. Kien cempel ukoll l-ghassa tal-Hamrun peress li l-indirizz tieghu fuq il-bail book kien l-ghassa l-Hamrun. Kien cempel l-ghassa u kienu marru zewg pulizija mill-ghassa tal-Hamrun ghall-habta tas-1.50 a.m. u dawn sabuh hemm id-dar. Kien iccekja ukoll is-CCTV cameras ta' Gozo Channel tan-nies passigieri li jitilghu bil-mixi izda ma kienx identifikah. Huwa esibixxa l-okkorrenza a fol. 139 tal-atti.

L-akkuzat **Clifton Mifsud** xehed minn rajh nhar id-19 ta' Settembru, 2022 u spjega li jghix flat 1, Gnejna Court, Triq l-Ewropa, ir-Rabat u ilu jghix hemm ghal madwar tlitt snin. Qal li l-post huwa mikri lilu mill-Awtorità tad-Djar. Mistoqsi jekk jafx il-kwerelant u martu jghid li jafhom ghaliex jghixu fuqu flat 4. Qal li kien ipprezenta xi erbghin rapport dwarhom ukoll, ilu jirrekordjahom u jirraportahom tul it-tlitt snin. Qal li dawn ihallu l-bieb miftuh, ihamgu l-affarijiet wara l-bieb ihalli l-kaxxi tax-xorb wara l-bieb.

Qal li nhar il-Hadd 18 ta' Lulju 2021 kien id-dar ghal kwiet libes shorts u T-shirt ghal habta tal-4.00 p.m sema' tisbit tremend mal-bieb u tar ghal bieb kif kien. Meta fetah il-bieb huwa kien hafi waqt li Jonathan Carabott kien libes iz-zarbun u pogga saqajh fuq gewwa u zammlu l-bieb b'sieq wahda. Jghid li ma setax izomm il-bieb b'id wahda ghax idu l-ohra kienet imcappsa b'sikkina. Qal li dak il-hin kien fil-kcina jipprepara chicken breast ghal filghaxija ghax kien sejjer jorqod. Qal li hu fl-ebda hin ma heba s-sikkina ghax ma kellux intensjoni ta' xejn. Qal li kienet sikkina li taqta' l-laham biha twila xi ħmistax(15)-il ċentimetru. Jghid li kien mahsud u wara l-bieb sema' monologu ta' bniedem jgħid, "*li joqghod jahsel bil-croxk u li hemm fil-hmieg fil-komun, issa incemplul-pulizija u naraw*".

Qal li kellu l-bieb imbexxaq bis-sieq ta' Jonathan u sema' dan kollu u ra lil Jonathan Cassar bit-tifla tieghu magenbu u martu wkoll, ilkoll fuq it-tarag komuni. Qal li ilkoll kemm huma bdew jitkellmu flimkien u s-sur Cassar jidghi bil-Madonna. Sadanitant Jonathan kellu rasu baxxuta kif ukoll martu kellha rasha baxxuta biex izommu d-dekor. Huwa ma qallu xejn salv ikellhom igibu l-pulizija. Qal li waqt li hu kien bil-wieqfa b'id wahda jzomm is-sikkina u bl-ohra jzomm il-bieb Cassar qabdu mill-flok. Wara qabdu mill-polz tal-id fejn kellu s-sikkina u ċjoè l-id tal-lemin. Beda jghidlu 'gib ha nurik x'naghmel bis-sikkina, gib ha nurik x'ser naghmel bis-sikkina'. Huwa ingibed lura u gew qishom 'a tug of war'. Dak il-hin Cassar gibdu lejh. Huwa fl-ebda hin ma hareg mill-bieb tad-dar. Jghid li fl-ebda hin ma messu bis-sikkina. Martu baqghet hemm thares dak il-hin jghid li baqa' jzomm is-sikkina f'idejh sakemm fl-ahhar ghalaq il-bieb f'wicchom. Kulma ried hu li Cassar johroglu saqajh mill-bieb u jmur jaghmel telefonata. Qal li mbaghad irnexxielu jaghlaq il-bieb u mar icempel lill-pulizija u jiehu t-te. Jghid li lanqas ma stenna lill-pulizija ghaliex hu wara kollox f'daru kien.

Il-pulizija waslu fuq il-post u qalulu biex jibqa' hemm u f'xi hin il-bieb reġa' nfettah bil-qawwa u kien Cassar. Jghid li l-pulizija bdiet tidghi wkoll u nizlu lil Cassar u haduh 'l barra. Huwa biddel hwejgu u gie mehud mill-pulizija l-ghassa. Fl-ahhar tad-depożizzjoni tieghu jesibixxi koppja tan-notamenti li minnhom xehed li gew markati bhala dok MC1.

**Professur Anton Grech** fuq digriet moghti mill-Qorti xehed nhar id-9 ta' Dicembru 2022 u pprezenta r-rapport tieghu u kkonkluda li l-akkzuat ma kienx qed ibati minn 'pyschiatric illness' f'Lulju 2021.

Ikkunsidrata ulterjorment

Ma hemmx dubbju li f'din il-kawza l-qorti hija rinfaccjata b'zewg verżjonijiet ta' kif sehhet il-ferita fuq il-gisem ta Jonathan Cassar. Dik moghtija minnu kif korroborata minn Michelle Portelli u bintom minuri fejn spejgaw kif effettivament gie milqut mill-

appellant u c-cahda tal-appellant li jghid li tali ferita giet kagunata minnu. Ghalhekk din il-qorti trid tara minn mix-xhieda kien l-iktar kredibbli u tara liema parti rnexxielha tipprova l-kaz jekk kintix il-proskeuzzjoni li ghandha l-oneru tal-prova li tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi ta' lil hin minn kull dubbju ragonevoli. Jew jekk kinitx id-difiza li pprovat il-kaz taghha fuq bazi a probabbiltà. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm il-prosekuzzjoni ma hi obbligata tipprova xejn jekk però l-akkuzat irid jaghmel xi prova, dik il-prova li jressaq trid tkun sal-grad tal-probabbli.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> "Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta
> a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Però huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi ghandu jaghzel is-sikrana mill-qamh. Kif se jaghmel dan?

Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[4]

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija vs Charles Bianco**[5] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> *Din il- orti ellha o a joni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal- orti, u oll je i unu familjari ma' da l-ambjent i da j unu qegħdin jixhdu in rebus suis, u a tar meta j unu qegħdin jirra ontaw episodju li għalihom ien trawmati u – ma rat xejn "nevrasteni u" jew isteri u fix-xhieda ta' ohn onello. Id-dis repan i għar bejn ix-xhieda ta' ohn onello u di tal- vu at Irene onello, li baqgħu għal emm, if jgħid l-appellant fir-ri ors tiegħu, " gur ellhom ħafna opportunitajiet li jit ellmu bejniethom dwar il- a u jfa ru lil xulxin x'gara da inhar tal-allegat incident", a tar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma initx or estrata, u illi t-tnejn xehdu da li fta ru u ienu onesti bi ejjed biex ma "ji orregux il-ver jonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għal emm ellhom o a joni jagħmlu he u għal emm setgħu jobsru illi d-dis repan i x'a tarx ien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. ifferen i ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmati u huma ħaga normali u, sakemm fis-*

---

[4] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius vs Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.
[5] Appell Kriminal 115/2006

*sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.*

L-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *id-decizjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiggudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-img ieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u tac -cirkostanzi kollha tal- kaz.*

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioè li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Illi fil-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Abdellah Berrad et</u>** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 ingħad is-segwenti:

> *"Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'il fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill- Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilta'.*

> *Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru w oll li provi indi jarji jridu jigu e aminati b'a tar atten joni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.*

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Lee Borg et.**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioè mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-prezunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**: "*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*".

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

Archbold fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs R** (1952) jghid:

> *Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive*

*testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved and other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija eżattament il-pozizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali 12 nhar id-disgħa (9) ta' Jannar 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.

Il-Qorti tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħall-katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta' għoqqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** daħlet fil-fond dwar il-prova ċirkostanzjali u l-konklużjoni univoka, fejn ikkwotat il-ġurista Ingliż Pollock C.B:

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of".*

Il-Qorti ziedet tghid li *"biex wieħed jasal li jikkonkludi li l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostan i miġjuba bħala prova u li dan il-konvinċiment morali huwa wieħed ibbażat sal-grad rikjest tal-prosekuzz joni taċ-ċertezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. In oltre il-konklużjoni biex tkun univoka mhux neċessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlaħaq iżda trid tkun l-unika waħda li tista twassal għal ħtija b'mod raġonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinħoloq dubju dwar l-univoċita' tal-provi ċirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wieħed raġonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-qorti tillibera a bażi tan-nuqqas ta' univoċita [6]."*

Issa f'din il-kawza il-Qorti hija qorti ta' revizjoni u ghalhekk in definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kinitx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory".

Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti — anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għall-konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

[6] Qorti tal-Appell Kriminali (Onor. Imhallef Michael Mallia) Il-Pulizija (James Grech) vs Cyrus Engerer deċiża 8 ta' Mejju 2014

Fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:-

> *Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".*

Issa fil-kaz in diżamina din il-Qorti kienet sajma milli tisma l-provi hija stess però ezaminat bir-reqqa x-xhieda moghtija. Jidher bic-car li filwaqt li l-akkuzat beda jevita certu domandi u jixhed alla larga jghid dak li jrid hu anke affarijiet li m'ghandhomx x'jaqsmu mal-kaz in diżamina l-parte civile kien aktar car u elokwenti fir-rigward ta' dak li gara u zamm proprju mal-incident li sehh. Spjega b'mod car u univoku dak li sab meta mar lura d-dar fuq l-indana tat-tarag tal-komun u x'ghamel u ċjoè li mar ihabbat ghand il-gar, l-appellant biex jghidlu biex inaddaf wara l-kelb. Huwa dispjacir kbir tara kif zewg girien ghandhom din l-animosità kollha ghal xulxin u kif stqarr l-

appellant stess il-hin kollu jaghmel ir-rapporti kontra l-parte civile minflok ma jghixu fil-kwiet bhal girien li japprezzaw in-normi tal-buon vicinanza.

M'hemmx dubju li l-ferita subita mill-parte civile u ċjoè fiz-zaqq 'il fuq miz-zokra sehhet proprju minhabba l-agir inaspettat tal-appellant li mar jiftah il-bieb ta' barra b'sikkina f'idu. Mhux ideali li din l-qorti temmen li ma kienx l-appellant li ghamel tali ferita meta tiehu c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta mill-ewwel qorti u dan ghaleix hija tal-fehma li tali apprezzament maghmul minnha kien wiehed *safe* u *satisfactory*.

Din il-Qorti ghalhekk qiegħda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta. Qiegħda ghalhekk isib lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tielet u tar-raba' akkuzi u tikkonferma dik il-parti tal-ewwel sentenza fejn ma sabitux hati tat-tieni akkuzat u konsegwentement hija ukoll qed tilliberah minnha.

Tordna li l-Ordni ta' Probation moghtija mill-ewwel Q orti ghal zmien ta' tiet snin ai terminu tal-artikolu 7 (1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u dan skont il-kundizzjonijiet imsemmija f'dak l-istess digriet anness mal-ewwel sentenza

Tikkonferma wkoll l-Ordni ta' Trazzin mahruga ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta mahruga favur il-parte civile kif soggeta ghall-kundizzjonijiet annessa mal-ewwel sentenza.

Qieghda tikkonferma ukoll in finis l-hrug tal-Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan sabiex l-istess appellant ikun jista' jirregola l-agir u komportament tieghu fil-konfront ta' terzi stante li jidher li huwa mgheluq minn certu rabja fejn ghandu jindirizzaha.

Tordna ukoll li it-tlitt iskieken esibiti fl-atti jigu konfiskati a favur l-Gvern ta' Malta ai termini tal-Artikolu 23 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Dr. Consuelo Scerri Herrera

Onor. Imhallef